31985L0584

31.12.1985 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 372/42

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

ta' l-20 ta' Diċembru 1985

li temenda, minħabba l-adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, id-Direttiva 85/433/KEE dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali fil-farmaċija, inklużi miżuri sabiex jiffaċilitaw l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta'stabbiliment fir-rigward ta' ċerti attivitajiet fil-qasam tal-farmaċija

(85/584/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, u b'mod partikolari l-Artikolu 396 tiegħu,

Billi, minħabba l-adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, huwa neċessarju li jsiru ċerti emendi għad-Direttiva 85/433/KEE [1] sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni ugwali tagħha mir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża u l-Istat Membri l-oħrajn kolha;

Billi skond l-Artikolu 2(3) tat-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall l-istituzzjonijiet tal-Komunità jistgħu jadottaw qabel l-adeżjoni l-miżuri msemmija fl-Artikolu 396 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, bil-miżuri li jidħlu fis-seħħ soġġetti għal u fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-imsemmi Trattat,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Mill-1 ta' Jannar 1986, soġġett għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, dan li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/433/KEE:

"(k) *fi Spanja:*

título de licenciado en farmacia (grad universitarju fil-farmaċija mogħti mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u x-Xjenza jew mill-universitajiet)

(l) *fil-Portugall:*

Carta de curso de licenciatura em Ciências Farmacêuticas (iċ-ċertifikat fix-xjenzi farmaċewtiċi mogħti mill-universitajiet)."

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-miżuri neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fil-limitu taż-żmien speċifikat fl-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 85/433/KEE.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta Diċembru 1985.

Għall-Kunsill

Il-President

R. KRIEPS

[1] ĠU L 253, ta' l-24. 9. 1985, p. 37.